MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1187/2005

**S.D. Vella Company Limited C15692**
**Vs**
**Raymond Buhagiar u martu Filomena Buhagiar**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illi in forza ta' skrittura privata datata 8 ta' April tas-sena 2004 is-socjeta' attrici kienet ikkoncediet b'titolu ta' lokazzjoni a favur tal-konvenuti konjugi Buhagiar accettanti l-garage bla numru ufficjali izda bl-isem ta' ''Edward'' gewwa Triq Mons Giorgio Zarb, Qormi versu l-kera pattijiet u kundizzjonijiet hemm stipulati Dok A;

U peress illi l-konvenuti huma moruzi fil-hlas ta’ zewg skadenzi kera cioe’ dawk li ghalqu f’Lulju u f’Ottubru 2005 ammontanti ghal elf u mitejn lira (Lm1,200) u baqghu ma halsux l-imsemmija somma nonostante li gew interpellati f’dan is-sens permezz ta’ ittra legali datata 24 ta’ Novembru 2005;

U peress illi ghalhekk in vista ta’ tali nuqqas da parti tal-konvenuti tali cirkostanza taghti lok ghal konsegwenza pattwita fil-klawsola numru tnax tal-precitata skrittura ta’ lokazzjoni nkluz ix-xoljiment tal-lokazzjoni u r-ripresa tal-fond favur is-socjeta’ attrici;

U peress illi ghalhekk ghandu jirrizulta wkoll li l-konvenuti huma vera cert u likwidu debituri favur is-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf u mitejn lira rapprezentanti l-arretrati ta’ kera fuq stipulat u cioe’ ghall-iskadenzi li ghalqu f’Lulju u f’Ottubru tas-sena 2005;

U peress illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta’ l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut oltre li tezisti morosita fil-hlas ta’ l-istess bi ksur tal-precitata skrittura privata ta’ lokazzjoni ai termini tal-klawsola numru 12 u difatti l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qieghedha tannetti ma’ dan l-att affidavit skond l-artikoli msemmija, Dok B;

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1) Tiddeciedi skond it-talba tad-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

*2)* Tiddikjara x-xoljiment tal-precitata skrittura privata ta’ lokazzjoni Dok A pattwita bejn il-kontendenti u konsegwentement tordna lill-konvenuti jizgombraw il-barra mill-*garage de quo* fi zmien qasir u perentorju ffissat mill-istess Onorabbli Qorti;

*3)* Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm1,200 bhala arretrati ta’ kera kif fuq indikat;

Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data ta’ kull skadenza ta’ kera sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process.

Rat il-verbal tallum fejn l-avukat tal-atturi nforma lill-Qorti li l-garage gie ritornat lura lill-atturi fil-mori tal-kawza u li ddikjara li kien baqa’ biss il-bilanc tal-arretrati tal-kera, u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba kif dedotta fic-citazzjoni

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talbiet dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konenuti t-talba ghal-hlas tal-arretrati tal-kera fl-ammont ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa’ t-tielet talba attrici ghall-hlas ta’ elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) rapprezentanti arretrati tal-kera, bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------